



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2256(DEC)

27.11.2013

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (2013/2256(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika l-importanza tal-preżentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali tal-aġenziji fil-kumitati responsabbli; ifakkar li din il-prattika tgħin biex tiżgura li l-programmi ta' ħidma jirriflettu l-prijoritajiet politiċi reali u tiffaċilita l-monitoraġġ u l-iskrutinju mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma;
2. Jirrikonoxxi r-rwol tal-aġenziji fl-appoġġ tagħhom għall-politiki tal-UE mill-fażi inizjali sal-implimentazzjoni tagħhom; jitlob għall-użu aktar wiesa' ta' dan l-għarfien espert u l-kapaċità fl-istadji rilevanti tal-proċess ta' politika tas-Semestru Ewropew; jenfasizza l-kontribuzzjoni tal-aġenziji fil-ħidma tagħhom għall-kisba tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020;
3. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji; jindika prattiki tajba eżistenti ta' effetti ta' sinerġija fost l-aġenziji, bħal pereżempju memoranda ta' ftehim u konsultazzjoni minn qabel dwar il-programmi ta' ħidma, sabiex ikun evitat l-irduppjar u r-ripetizzjoni ta' attivitajiet;
4. Jiġbed l-attenzjoni għad-dikjarazzjoni konġunta dwar il-ġestjoni futura tal-aġenziji deċentralizzati u l-approċċ komuni anness magħha¹, partikolarment il-kapitolu dwar is-sede tal-aġenziji; jitlob f'dan ir-rigward għal soluzzjonijiet f'waqthom dwar kwistjonijiet pendent marbuta mal-kwartieri tal-aġenzija sabiex ikun żgurat operat mingħajr tfixkil;
5. Itenni l-istedina tiegħu għal preżentazzjoni armonizzata u standardizzata tal-kontijiet annwali li jkun fihom għadd ta' elementi komuni bl-għan li jkun iffakilitat it-tqabbil tagħhom.

¹ http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/sefcovic/headlines/news/2012/07/2012_07_17_joint_agreement_agencies_en.htm